# FEJN MIET U NDIFEN ĠESU'

Ħafna nies jaħsbu li Ġesù kien imsallab fuq muntanja. Imma dana ma hux minnu, u fl-Evanġelju l-kelma muntanja ma tissemmiex. San Mattew li kiteb l-Evanġelju l-ewwel wieħed, u kitbu billsien Arami, għal-Lhud tal-Palestina, semma li fejn sallbu lil Ġesù kienet naħa msemmija *makan Golgolta* (XXVII 32. Ara wkoll Mk. XV, 22, u Gn. XIX, 17). Fuq muntanja u m'hux muntanja ma qal xejn.

Lil Ġesù sallbuh fuq blata għolja xi ħmistax-il xiber, maqtugħa għaliha, f' nofs ta' foss wiesa' donnu misraħ, quddiem wieħed mill-bibien tal-belt. Din li joqtlu l-ħatja qrib il-bieb tal-belt, kienet ħaġa li ssir qisha kull imkien. Sa anqas minn mitt sena ilu, hawn Malta wkoll, kienu jgħallqu n-nies fix-xagħra tal-Furjana, jiġifieri ftit 'il barra mill-Bieb ta' Putirjal. Jekk inti tmur ir-Rabat u tidħol fil-ġnien ta' ħada l-bieb tal-Imdina, tara foss fejn jilgħabu l-foot-ball, u f'rokna tiegħu, fis-sur, tara bieb. Jekk tistħajjel li dak il-foss huwa wiesa' xi daqs li hu darb'oħra jew ftit aktar, u li f'nofsu hemm blata maqtugħa għalieha, ikollok xbieha tajba tan-naħa li fih kien imsallab Ġesù.

"Mela, ma kienx hemm it-telgħa tal-Kalvarju, li jsemmuha n-nies?" isaqsi xi ħadd.

Kien hemm u għadha hemm il-lum ukoll. Imma t-telgħa kienet (u għa-



**Kif kienet il-Blata tal-Kalvarju meta sallbu fuqha lil Ġesù. Il-għar li hemm fil-blata, ma huhiex il-qabar ta' Kristu. Ħadd ma jaf x'kien, imma kien xi ħaġa għażiża għal-Lhud, għax ħtija tiegħu tħalliet dik il-blata f'nofs il-misraħ.**



**Il-Kalvarju kif inhu l-lum. Dak li donnu qabar, bejn il-kandlieri, hija l-Ħaġra fejn dilku lil Ġesù mejjet qabel difnuh. Il-Blata tal-Kalvarju għolja m'ogħla l-balavostri, u moħbija wara l-ħajt li jidher taħthom. Fil-lemin jidher wieħed miż-żewġ turġien li jieħdu fuq il-Kalvarju.**

ha) ġewwa l-belt. Tibda minn triq watja, jgħidulha l-Wied u tibqa' tielgħa sa ma ma taqbad mat-triq ta' taħt is-sur. Biex minn hemm tmur il-Golgolta, kont trid tilwi fuq ix-xellug, timxi ftit u toħroġ mill-bieb, u ssib ruħek fil-foss wati li semmejna, fejn kienet il-Blata. Lil Ġesù, biex wassluh il-Golgolta, ħarġuh mill-Għassa l-Kbira, dak li jgħidulu Pretorju ta' Pilatu, niżżluh niżla, sat-triq il-watja li jgħidulha Wied, ilwew in-naħa tal-lemin mat-telgħa li qegħdin insemmu, u ħarġuh mill-bieb għal misraħ ta' barra s-sur.

"Għaliex kienu jgħidulha Golgolta dik il-blata t'hemmekk?"

Fl-Evanġelji miktub li Golgolta tfisser Ras ta' Mewt, jew qarriegħa. Imma dit-tifsira aktarx tennewha l-kopisti, u tista' tkun minna u tista' ma tkunx. Għax din ma qalhiex San Mattew li kiteb l-ewwel Evanġelju, imma

min qalbu mill-Arami għal Grieg. San Mattew kiteb l-Evanġelju bl-Arami, u ma kellux għal fejn jgħidha, għax min jaf l-Arami kien jaf xi tfisser bla ma jgħidlu ħadd. B'dana kollu tista' tfisser Ras ta' Mewt ukoll, kif sa ngħidu hawnhekk.

L-Arami kien qisu bejn Għarbi u Lhudi, u kien jixbaħ lil Malti wkoll, imma 'ġ' ratba ma kellhomx. Kienu jgħiduha dejjem jiebsa (ġemel kienu l-isem kien ifisser: Il-Blata l-Imġelġla, jiġifieri l-Mixquqa. Għal dan għedt mill-ewwel li min qaleb l-Evanġelju mill-Arami għal Grieg, u qal li Golgolta tfisser Ras ta'Mewt, jista' jkun li qal sewwa u jista' jkun li le.

Għal hekk, fejn sallbu lil Ġesù ma kienx muntanja. Kienet blata ftit għolja. Kienu jgħidulha Tal-Ġolġol, jew għax kienet imġelġla, inkella għax kellha għamla ta' Ras ta' Mewt.



**Kif kien il-Qabar Ġdid li fih Jusef T'Arimatija difen il-Ġisem Imqaddes Ta' Ġesù.**

jgħidulu gemel). Aħna, dik il-għamla ta' qanpiena mdawra li jdendlu f'għonq il-bhejjem ma ngħidulhiex ġolġol? Il-ġolġol ikun fih żewġ toqob, donnhom żewġ ħofor tal-għajnejn; u xaqq f'nofshom, donnu fejn kien l-imnieħer. Jista' jkun mela li l-Blata tal- Golgolta kien fiha xi żewġ ħofor, waħda kull naħa, u f'nofshom xi ħaġa donnha mnieħer.

Imma jista' jkun li kienet tfisser ħaġa oħra. Aħna, borma mixquqa ma ngħidux li hija mġelġla? Issa, fil-Blata tal-Golgolta kien hemm xaqq kbir, minn fuq għal isfel, u għadu jidher il-lum ukoll. Għal hekk jista' jkun li dak

*   *   *

"U l-Qabar li difnu fih lil Ġesù, kif kien?"

L-ewwel għidna li fejn sallbu lil Ġesù kien jixbaħ ġmielu lill-foss ta' taħt il-ġnien ta' ħdejn l-Imdina. Issa, istħajjel li l-ħajt ta' biswit is-sur huwa tal-blat. Il-Qabar li fih difnu 'l Ġesù kien imħaffer fil-ħajt tal-blat ta' quddiem is-sur, hemm, qrib mill-Blata tal-Ġolġol, ukoll.

Il-Qabar kien magħmul żewġ kmamar: kamra barra u kamra ġewwa. Il-kamra ta' barra, bla bieb, miftuħa dejjem. Fl-art tagħha, mal-ħajt ta' ġewwa, biswit il-bieb, kien hemm ħofra u



**Il-Qabar ta' Kristu kif inhu issa.**
**Jidhru l-Franġiskani u n-nies, waqt il-purċissjoni li ssir kull wara nofs inhar fil-Bażilka.**

ġewwa l-ħofra bieb żgħir, jagħti għal kamra ta' ġewwa. Il-bieb iż-żgħir kien jingħalaq b'ħaġra mdawra, donnha ħaġra ta' mitħna, li jgerbuha ġewwa kanal imħaffer quddiem il-bieb. Il-kamra ta' ġewwa kien fiha ħnejja fil-ħajt u taħt il-ħnejja farxa tal-ħaġar. Il-mejjet kienu jmidduh fuq dik il-farxa, u meta joħorġu, igerbu l-ħaġra l-imdawra quddiem il-bieb, biex jagħilquh, u jordmu l-ħofra b'kollox biż-żrar u t-trab, Il-kamra ta' ġewwa kienet il-kamra tal-mejjet, u l-kamra ta' barra l-kamra ta' niesu, meta jiġu jibkuh.

Hekk kien il-Qabar li fih difnu lil Ġesù kif jidher mill-Evanġelju. U oqbra ta' dil-għamla, qrib Ġerusalem, għad baqa' m'hux wieħed u tnejn.

BEN JEĦUŻA.

## QWIEL TAL-PALESTINA

Qal il-ħajt lel wetet: "Liex txoqqni?" ġawab: "Asqal lijdoqqni!". Il-ħajt qal lil musmar: "Għax qiegħed ittaqqabni?" Wieġeb il-musmar: "Saqsi 'l min qiegħed isammarni!" Tfisser li l-ħaddiem ikollu jisma' minn min iħaddmu, u meta jagħmel dak li jkun imqabbad, u la għandu fidja anqas ħtija.